MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2008

Numru 956/2005

**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)**

**ILLUM 21 TA' JANNAR 2008**

Il-Pulizija
(Spettur Victor Aquilina)

vs

Simon John Borg

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 142187(m) akkuzat talli:

- nhar is-26 ta' Gunju 2005 ghal habta tat-3.00pm waqt li kien fi triq Tul il-Kosta f'Bahar ic-Caghaq u f'dawn il-gzejjer volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cjoe' fuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni JBA-584 ta' l-ghamla BMW u li hija proprjeta' ta' David Mifsud detentur tal-karta ta' l-identita' 235883(m) liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira (Lm500) imma tiskorri l-hamsin lira (Lm50) – Art.325(1)(b) tal-Kap 9.
- il-Qorti mitluba illi barra li taghti l-piena stabbilita bil-ligi, tapplika wkoll l-Art.383,384 u 385 Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' David Mifsud detentur ta' karta ta' l-identita' 235883(m).

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-akkuza migjuba kontra l-imputat hija ta' hsara volontarja li jinghad huwa ghamel fuq vettura ta' l-ghamla BMW, numru ta' registrazzjoni JBA-584, proprjeta' tal-kwerelant Mifsud.

Issa mill-provi li jirrisulta fic-cert hija l-hsara li garbet il-vettura tal-kwerelant u l-fatt li l-mutur Yamaha 660cc numru ta' registrazzjoni FAQ-232 hu proprjeta' tal-imputat. Mill-bqija ma jirrisulta xejn izjed li fuqha din il-Qorti tista' serenament issib l-imputat hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu. La mill-istqarrija u lanqas mix-xhieda tal-kwerelant ma gie stabbilit kollegament, dirett jew indirett, bejn l-imputat u l-misfatt sal grad ta' minghajr dubbju dettat mir-raguni. Fid-deposizzjoni tieghu l-kwerelant stqarr li ma

jgharafx il-persuna li kkagunatlu l-hsara fuq il-vettura tieghu ghajr li kien is-sewwieq tal-mutur riferit aktar il-fuq. Dan fil-fehma ta' din il-Qorti mhux bizzejjed sabiex hi tistabilixxi sal-grad rikjest li kien proprju l-imputat li kkaguna l-hsara volontarja. L-imputat fl-isqarrija tieghu fil-fatt jinnega li fil-hin tal-allegat misfatt hu kien fil-lokalita fejn dan sehh. Fil-fehma tal-Qorti jippermani d-dubbju u dan ghandu jmur favur l-imputat.

Ghalhekk tiddeciedi u tiddisponi mill-akkuza billi ma ssibx l-imputat hati u tilliberah minn kull piena. Konsegwentement mhux il-kaz li tapplika kontra l-imputat l-provedimenti tal-Artikolu 383 et seq.

A.M.Trigona
Magistrat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------